Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,584, 7 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 79 tal-2021

ATT DWAR IS-SAHHA PUBBLIKA
(KAP. 465)
Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb, hawn aktar 'l quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

A.L. 75 tal-2021.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Immedjatament wara s-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda r-ristoranti, *snack bars* u *kiosks* kollha għandhom jibqgħu magħluqa bejn nofsillejl (12.00 a.m) u l-ħamsa (5.00 a.m.) ta' filgħodu.".